Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 11/2013

**Appell Nru. 11/2013**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Dimech**

**Illum 11 ta' Lulju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 289380 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minn Jannar 2010 sa Mejju 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Diana Grech u/jew lil ulied is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-

jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Otturbu, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni l-Qorti sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xahrejn prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta’ Jannar, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-unika akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, fuq ammissjoni tieghu stess, filwaqt illi thassaraha u tirrevokaha in kwantu ghal piena inflitta u b’hekk timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi dan l-appell jirrigwardja biss dik illi hija piena, u dan peress illi fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, il-piena ta’ xahrejn prigunerija hija certament wahda eccessiva.

L-appellant, naqas milli jhallas il-manteniment dovut, mhux kapricozament jew b’pika kif solitament jigri f’hafna kazijiet, izda biss peress illi huwa spicca minghajr impjieg, ftit wara illi gie ffirmat il-kuntratt/ftehim bejnu u l-parte civile;  inoltre aghar minn hekk hu anke gie ccertifikat illi prezentement huwa mhux tajjeb ghax xoghol, minn Bord Mediku, u qieghed anke taht kura psikjatrika minhabba dawn il-problemi.

Ghalkemm wiehed jithem -importanza illi missier imantni lil uliedu, nonostante c-cirkostanzi partikolari tieghu nnifsu,

ebda gudikant ma jista jiskarta l'fatt illi f'certa kazijiet genwini, persuna tkun vera jkun fl-impossibilita illi jaqdi l-obbligi tieghu u jhallas il-manteniment. F'certu kazijiet bhal dan odjern, l-appellant ma jistax jaghmel
mod iehor, u l-fatt illi huwa se jispicca l-habs ha jkun ta' deterrent ikbar ghalih u ghal uliedu, ghax wara illi se jtappan il-kondotta tieghu, se tkun aktar difficli ghalih illi jsib impjieg. Fic-cirkostanzi kif inhuma, u cioe meta l-appellant qieghed taht kura psikjatrika u ccertifikat illi mhux prezentement tajjeb ghax-xoghol, diga difficli ghalih biex xi hadd jimpjegah, ahseb u wara, wara illi jkun mar il-habs ghal xahrejn!

Jirrizulta illi qabel ma spicca minghajr impjieg, l-appellant dejjem hallas il-manteniment versu uliedu puntwalment u minghajr problemi. Jinghad ukoll, u dan kif irrizulta mid-depozizzjoni tieghu stess, illi l-appellant, allavolja certifikat illi ma jistax jahdem, kien sab impjieg iehor ghal perjodu ta' zmien, pero kien involut f'incident stradali, u ghalhekk gie tterminat l-impjieg tieghu u ma setax ikompli jahdem. Dan juri car illi minkejja l'fatt illi huwa ma jistax jahdem minhabba c-cirkostanzi personali tieghu, l-appellant xorta prova jsib impjieg biex b'hekk ikun jista jmantni lil uliedu.

Fid-dawl ta' dak appenna suespost, piena karcerarja certament mhux idoneja, l-aktar meta wiehed jikkonsidra illi l-appellant qed jistenna r-rizultat ta' l-ahhar Bord Mediku illi kien deher quddiem, liema appuntament mal-Bord, kien dak in-nhar stess tas-smiegh tal-kawza kif gie spjegat lil l-Ewwel Qorti.

Jigi umilment sottomess illi jidher illi l-Ewwel Qorti skartat dawn ic-cirkostanzi kollha. Fil-kawza l-Pulizja vs Carmen Buttler deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe illi Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigiex manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tati importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

Ikkunsidrat:

Irrizulta fil-provi illi bejn l-elfejn u tlieta (2003) u l-elfejn u sebgha (2007) l-appellant u Diana Grech kellhom relazzjoni bejniethom illi minnhom twieldu zewgt itfal – Elisa u Ismael. Din ir-relazzjoni ma baqghetx aktar vigenti u l-partijiet irrikorrew ghall-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, sabiex jirregolarizzaw ir-relazzjonijiet futuri taghhom. Waslu ghal ftehim u permezz ta' digriet tal-20 ta' Gunju 2008 il-Qorti Civili, Sezzjoni Familja approvat il-ftehim li kien redatt mill-medjatur Carmen Delicata fit-13 ta' Gunju 2008. Fost il-kundizzjonijiet ta' dan il-ftehim hemm il-modalità tal-hlas ta' manteniment fejn l-appellant obbliga ruhu li jhallas is-somma ta' sebghin ewro (€ 70) fil-gimgha ghaz-zewg minuri, pagabbli lil omm. L-appellant waqa' lura fil-pagamenti u permezz ta' citazzjoni gie mharrek talli naqas illi jhallas il-manteniment kif ordnat bil-kuntratt fuq imsemmi bejn Jannar tal-elfejn u ghaxra (2010) u Mejju tal-elfejn u tnax (2012).

l-appellant spjega lill-Qorti illi dana ma ghamlux il ghaliex ma kienx qed jahdem u talab zmien sabiex ikun jista' jsalda dak dovut lil Diana Grech. Fuq ammissjoni, b'sentenza tad-disgha (9) ta' Jannar tal-elfejn u tlettax (2013) l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal xahrejn prigunerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell. L-aggravju principali tieghu huwa illi ma kellux jehel piena prigunerija il ghaliex ma hallasx il-manteniment mhux b'kapricc, izda il ghaliex kien spicca mill-impjieg, gie "boarded out" u iddikjarat illi ma kienx tajjeb ghax-xoghol. Fil-fatt ukoll kien qieghed taht kura psikjatra.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma jidhriliex illi dina hija raguni il ghaliex l-appellant ma kellux jaqdi dawk l-obbligazzjonijiet kontrattwali li ntrabat bihom. Fil-fatt fil-kawza "Il-Pulizija versus Anthony Saliba" (15 ta' Lulju 1998) il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet illi, "... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment dovut anki f'kaz li persuna tisfa bla

xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant ...". Dan it-taghlim wahdu kellu jkun bizzejjed sabiex din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Però waqt l-udjenza tal-erbgha (4) ta' Lulju tal-elfejn u tlettax (2013) il-parti leza Diana Grech dehret il-Qorti u ddikjarat illi hija kienet irceviet l-ammonti kollha illi kellha tiehu minghand l-appellant ghal dak li jirrigwarda din il-kawza u ma kellhiex aktar pretensjonijiet kontra tieghu. Din il-Qorti jidhrilha illi kien ikun hafna ahjar li kieku l-appellant qeda dan id-dmir qabel ma giet intavolata c-citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Però, f'dan l-istadju d-decizjoni ta' htija ma tistax tinbidel peress illi dina hija gusta u ekwa fic-cirkostanzi. Però stante li hemm il-hlas hemm lok ghal temperament fil-piena.

Fil-kawza "Il-Pulizija versus Publius Said" (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Settembru 2003) il-Qorti qalet, "L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983 (bl-emenda tal-1986), kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpedixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ...". U dak huwa proprju li se taghmel din il-Qorti.

Ghalhekk tilqa' in parti l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata izda tirriformaha fejn tirrigwarda l-piena u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------